MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 509/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**

**Mundbjerg Soren**
**ID 60599A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2014 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attirci 's-somma ta' mitejn hamsa u tmenin ewro u sitta u erbghin centezmu (€285.46) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija cellulari 79954211 (AC40180697), liema servizzi gew ikkuntrattai permezz ta; kuntratti datati 17 ta' Marzu, 2010.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 427/14, u bl-imghax mit-13 ta' Marzu, 2014 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' mitejn hamsa u tmenin ewro u sitta u erbghin centezmu (€285.46)) bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Marzu, 2014, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 427/14, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------